# *OTIA ÆSTIVA*

## TIFKIRIET TA' SAN ĠILJAN

*(It-Tieni Taqsima—Minn Nofs-in-nhar sa bil-lejl) (1)*

Hemm, f'dik id-dar nadifa bħal xammiema,
Fl-isbaħ xaqliba ta' San Pawl-il-Baħar,
Fid-dar imdawla fejn għannejt bis-sliema
Nofs il-għanja tas-sajf, mhux biex niftaħar,
Kont bdejt inħaddem ħsieb u fantasija
Biex nissokta w-intemm l-għanja mibdija.

U kif ma' Mejju tara l-ward jidħaklek
Minn kull ħammiela bit-tiżwiq tal-lwien,
U tistħajlu jistiednek u jsejjaħlek
Ma' kull fewġa li tgħaddi fuq il-ġnien,
Hekk bdew jidħku quddiemi bosta u sbieħ
Dehriet ħelwa ta' saħħa u ta' mistrieħ.

U kull waħda bi kliem ta' fehma lħiħa
Tixtieq tkun ta' quddiem fil-għanja tiegħi:
Tgħid waħda: Ħares 'l hawn kemm jien sabiħa!
Tgħid l-oħra: Ftakar x'hena kellek miegħi!
U kollha jagħmlu rassa ġewwa ħsiebi,
Bħallikieku bil-jedd, għax kollha ħbiebi.

Iżda fil-waqt li kont niżen u nara
Minn liema sejjer nibda, għalgħarrieda
Waslu ġrajjiet ta' niket u ta' ħsara
Li dennsuli xi ftit il-ħsieb u r-rieda:
Dlonk waslu ġrajjiet oħra mingħajr xerqa...
U jiena ħrabt minn hemm ħafif bħal berqa (2).

1. L-"Ewwel Taqsima—sa nofs-in-nhar" kienet "Tifkiriet ta' San Pawl il-Baħar" u ħarġet fl-Ewwel Ktieb ta' Il-Malti, ta' l-1934.

2. Ta' dawn il-ġrajjiet ta' niket hemm ħjiel f'nota taħt il-versi tiegħi "Lil Marija" fir-Raba' Ktieb ta' "Il-Malti" ta' l-1934; il-ġrajjiet l-oħra mingħajr xerqa kienu l-imġiba u l-kliem bla ħajr, ta' nies li ma kont qatt tistenniehom mingħandhom. Il-bgħid għallem xi ftit ukoll fil-keffa tad-deċiżjoni tiegħi li nwarrab minn San Pawl-il-Baħar.

Ħrabt minn hemmhekk u xejn ma ħarist lura
Lejn il-Wardija w-ix-xaqliba tagħha,
Għaliex sabiħa u tgħaxxqek in-Natura
Sakemm is-safa' jiddi u jimxi magħha;
Iżda titlef mill-ġmiel li l-qalb ixabba',
Meta b'għamil li ma fihx ħajr tittabba'.

Rebaħni San Ġiljan: għax donnu s-Sema
Ried ikunli ħanin u jisma' talbi;
U qabel ma bdiet l-art fis-sajf tinħema,
Sew sew f'nofs il-Qaliet sibt dar għal qalbi.
Sar il-ftehim, (kien żmien il-ħsad taż-żara')
U kollox kien nadif xi ġimgħa wara.

Għalhekk biex ma nonqosx mill-kelma tiegħi,
U ntemm, jekk Alla jrid, l-għanja mibdija,
Ma nsemmix iżjed il-widien u t-tliegħi
Tal-Mistra, tal-Ballut u tax-Xemxija;
U ngħanni l-plajja, il-baħar u d-drawwiet
Ta' wara nofs-in-nhar dwar il-Qaliet.

Għax għandu San Ġiljan tiżwiq u ħlewwa
Xejn anqas minn xtut oħra msemmijin,
Sewwa jekk togħġbok in-Natura u sewwa
Jekk tħobb il-frott ta' sengħet il-bnedmin:
Hawn għoljiet u widien, hemm djar u knejjes.
Hawn skiet u serħ, hemm ħidma, ġiri, ħsejjes.

Nibda mid-dar għax il-għarqub tal-ħajja
Hi dar għal qalbek, bla frugħat nadifa,
Fejn jinġabar il-ħsieb, u fejn il-ġrajja
Tgħaddi minn fuqek ta' kull jum ħafifa:
Bejta kennija, fejn ta' ġlied u dnewwa
Sura ma tirfes qatt mill-għatba 'l ġewwa.

Daqsxejn ta' daħla u bitħa tawwalija
Li tiddellel fis-sajf b'dielja werrieqa,
Erba' kmajriet ma' l id il-leminija
Kollha b'xi bieb għall-bitħa jew b'xi tieqa;
Itemm id-dar u jtik li bih tiftaħar
Setaħ mikxuf li jħares fuq il-baħar.

Taħkem minn hawn il-ħarsa medda ġmielha
Ta' xtajta bejn it-Torri wil-Ballutta:
Iżda quddiem il-Karmnu tistaħbielha
U tħallik tfantas kif inhi mixħuta
Ir-Ramla sbejħa, fejn ma' l-inqas fewġa
Xi dgħajjes marbutin jiżfnu mal-mewġa.

Iddur mar-Ramla x-xtajta u tikser lejja
Bil-mewġ iħaxwex fuq il-blat sewdieni
Fejn kont nitbaħbaħ bil-wens t'ommi ħdejja,
Sabi fuq ruħi, fl-ewwel snin ta' żmieni;
U tibqa' miexja sakemm tasal f'ramla
Fejn il-Wied tal-Minsija jġib il-ħamla.

Hawnhekk tinġama' t-tajfa tax-xufiera
Tax-xarabanks li jmekku bla mistrieħ
Bejn San Ġiljan u l-Belt: tajfa ċajtiera
Li l-għali ma tħobbux anqas tixtrih:
Inewbu d-Dmir u l-Ħliqa mingħajr dnewwa,
U fi ħtiġitha n-nies tinqeda sewwa.

F'din id-dar ċkejkna, bla tlellix ta' żina,
Issa mferrħa bid-dell, issa bid-dija,
Aktarx friska b'xi fewġa bnina bnina
Li titkellem mad-dielja bellusija,
Bejn ħafna serħ u ftit tixgħil bla mrar,
Ngħaddi s-sigħat ta' wara nofs-in-nhar.

U ma rridx ninsa ngħid li hawn madwari
Għandi ġirien tajbin, il-ħlewwa tagħhom;
Nies minn tagħna bla tarf, minn dawk ta' dari,
Li tista' b'riżqek tiftaħ qalbek magħhom,
Nies ta' darhom, miġbura, għalenija,
Li jafu x'jiswa ż-żmien, xin hi trobbija.

Taqsam il-ħajja miegħi għandi xrara
Ta' xebba ta' xi erbgħa u tletin; (3)
Qalb safja ma' kulħadd, tal-ħbieb saħħara,
Max-xjuħ ħanina, ħelwa maċ-ċkejknin;
Meqjusa fit-taħdit, fil-lbies mistħija,
Irżina fil-fehmiet, iżda qawwija.

3. Min kienet u x'kienet din ix-xebba, kuġina tiegħi, jidher miż-żewġ sunetti u min-nota li hemm taħthom, miktuba fil-mewt tagħha, 15 ta' Frar, 1937, u miġjuba fl-Ewwel Ktieb ta' "Il-Malti", ta' l-1937.

Din tieħu ħsieb tad-dar, u ngħid is-sewwa
Kulma nista' nixtieq insibu miegħi;
Il-għażż u l-ħmieġ tobgħodhom bħal egħdewwa,
Xammiema l-kamra tagħha—w-iżjed tiegħi;
Xeħħa ma tafx xinhi; iżda bla sefqa
Taf tgħabbar il-miżien tad-dħul u n-nefqa.

U billi minn missierha—wild is-saħħa—
Għandna demm wieħed jiġri ġewwa fina,
Minn awl-id-dinja, ħafna xejriet tagħha
Jaqblu ma' tiegħi; tajba jew ħażina
Tkun il-fewġa tal-jum, Ġannina u jien
Niddaqqsu bħal żewġ kefef ta' miżien.

Għall-ħabta tas-sagħtejn nerfgħu mill-mejda,
Mejda kif tixraq lilna ftit ħafifa,
Għax, ngħid id-dritt, nobgħodha l-loqma żejda
U l-qatra li tingħasar fil-ħarifa;
U jien, kif jgħid il-Qawl, nistrieħ xi kwarta,
Jew immejxi fid-dell naqra xi karta;

Imbagħ'd għaliex kulħadd għandu xi vizzju,
Nagħmel partita Rami ma' xi ħbieb;
Iżda mat-Tlieta-u Nofs intemm l-Uffizzju,
U fil-erbgħa mat-tokk, naqbad il-bieb
U nagħnet lejn il-foss ta' taħt is-Sur
Fejn xemx ma tolqot u xi fewġa żżur.

Hawhekk ma' ftit irġiel kollha minntagħna
Li jżommu t-trieq tan-nofs fiċ-ċajt u l-kliem,
Nagħmel taħdita, u naħseb, min jismagħna
La l-bidu ma jiftakar u la tmiem,
Għax bħalma jagħmlu l-friefet qalb il-fjuri,
Imissu tal-ġrajjiet kemm hemm kuluri.

Imbagħ'd nitqassmu skond ma trid ix-xorti,
F'żewġ nofsijiet għal xi logħba tal-garr;
Jitferrqu l-boċċi—taħsbu xogħ'l ta' Qorti,
Biex ma jkunx banda ħelu u banda ħarr:—
Kull wieħed lest biex jirbaħ u ma' sħabu
Jitħaddet FEJN u KIF għandhom jilagħbu.

Billi jien għandi isem ma' di' l-ġliba
Li naf ingarr u nolqot xi waħdiet,
U jgħidu li fil-bogħ'd ukoll insibha
Il-boċċa ta' l-egħdewwa, jekk inħbiet,
Aktarx boċċi ħoxnin jiġu f'idejja,
U jiena bħall-oħrajn għall-ġlied nitħejja.

Jintafa' l-likk, aktarx f'naħa qalila
Fejn hemm ħofor ġol-blat u żrar qatigħ;
(Għaliex min jibda l-logħ'b jaħsibha tqila
Għal ħaddieħor it-tefgħa u mhux għalih):
Dlonk tiġri lejn il-likk boċċa miż-żgħar
Li tmur titrekken miegħu mill-aħjar.

Xiħadd ifendi oħra b'ħila kbira
Biex kieku jaqla', u hekk nibqgħu sejrin
Sakemm il-boċċi ż-żgħar jagħmlu bħal gżira
Madwar il-likk, miġġielda w-imħalltin;
Fil-waqt jinbeda l-garr u l-boċċi l-kbar
Isewwu jew jħassru li jkun sar.

Jien nilgħab u nitħasseb: Hekk hi sejra
Il-ħajja tal-bnedmin fuq wiċċ id-dinja;
Kulħadd ħabib, iżda f'kulħadd hemm xejra
Li 'l ħsiebu ma jħallihx jaqbiżlu l-linja:
Għall-ewwel ifendilu waħda żgħira,
Imbagħ'd tnejn mill-ħoxnin, jekk tmissu l-għira.

Iżda wara l-garar tibda xi ħliqa
U nsiru minnufih il-ħbieb ta' qabel;
Hekk jagħmlu t-tfal ċkejknin wara telliqa,
Hekk jagħmlu ż-żgħażagħ wara l-ġbid tal-ħabel;
Għaliex iż-żmien bħal mewġ, għamil u ndiema;
L-ewwel ġlied u tbaqbiq, imbagħ'd is-sliema.

Ma' li tersaq ix-xemx għall-inżul tagħha
U tħares mill-għoljiet kbira u ħanina,
Tal-logħ'b ukoll il-ħeġġa tinżel magħha,
U jibda d-daħk, jekk boċċa tmur ħażina;
Xiħadd jgħodd ir-rebħiet u xi kapott...
Iżda kemm wieħed jibni ieħor iħott.

Fil-waqt mill-Knisja leħen ta' qanpiena
Jasal mal-fewġa li bdiet toħla sewwa,
Leħen ġwejjed bħal kelma li tgħid ħniena,
Leħen safi li jimla l-qalb bil-ħlewwa:
Kulħadd jieqaf mill-kliem, u għalenija
Tingħad, kif għandu jsir, l-Ave, Maria!

Kemm hu sabiħ da' l-ħin! Xi lwien fis-sema
Imtennijin ġo baħar mingħajr mewġa!
Issa minn l-art li taħt ix-xemx tinħema,
Għalfuq il-baħar tibda tfur il-fewġa;
Knejjes u djar iħammru, u f'dik ir-rtuba
Tgeġweġ in-nies fuq ix-xtajtiet minsuba.

Dak il-ġniel, ngħid is-sew, bħal isaħħarni,
U ħarsti donnha trid titnikker miegħu,
Iżda t-trab li nkun ġbart dlonk ifakkarni
Li 'kk ma nneħħihx malajr jibda l-logħ'b tiegħu;
Għalhekk, tislima, u nagħnet lejn id-dar,
Biex naqbad is-sapuna wil-buqar.

Kull ħaġa f'ħinha, jgħid il-Qawl: għall-ħabta
Li n-nhar jersaq għat-tmiem, jien niġbor ħsiebi:
Mill-ħwejjeġ ta' din l-art inħoll kull rabta
U għal xi ftit taż-żmien naħrab minn ħbiebi,
U mmexxi qajla qajl lejn id-Dar t'Alla,
Fejn inġabar teżor li qatt ma falla.

Fuq it-trieq li mir-Ramla ġewwinija
Titla' ssewwed bejn baħar u bejn djar,
Hemm knisja ċkejkna fuq il-blat, mibnija
Fi żmien il-Kavalieri ta' l-Isptar,
Knisja moħtara 'l Dik li Alla xabba'
Bil-Ħajr, u d-Dnub tan-Nisel qatt ma tabba'. (4)

Hemmhekk fix-xhur tas-sajf, meta n-nies, mejta
Bil-għomma ta' l-ibliet toħroġ għall-beraħ,
Jinżel jgħammar ĠESÙ f'daqsxejn ta' Bejta
Fuq l-artal, fejn kull jum għadu jinteraħ
Fuq is-Sodda tal-Mewt, għalkemm bla dmija
Biex jaqla' l-Ħajja minn ġol-Mewt tal-Ħtija.

4. Il-Knisja tal-Kunċizzjoni ta' San Ġiljan.

Hawnhekk ninġabar jien biex nagħmel żjara
Lil da' l-Ħabib li fl-art ġibilna l-Ġenna,
Li b'sabar ta' min jaf iħobb bil-ħrara,
Igħaddi l-lejl u n-nhar, waħdu, jistenna;
Jistenna li xi ħadd mill-mifdijin
Iroddlu ħajr għax miegħu kien ħanin.

Oh kemm hi ħelwa f'dik is-sikta mwarrba
It-tnehida li toħroġ minn ġo qalbna!
X'faraġ ta' sogħba jekk bid-dmugħ imxarrba!
Xi sliema, x'hena meta jisma' talbna!
Jien qatt ma ninsa l-kelma tas-skiet tiegħu
Li jgħidli f'qalbi meta nishar miegħu.

Mill-knisja lejn id-dar, fejn qalb ferrieħa
Aktarx tkun b'ħarsa twila tistennieni,
Għax għandu min iħobb lehma nebbieħa
Kif jista' lil ħaddieħor jagħmlu hieni;
Dlonk nibdlu xi kelmtejn ta' riżq u sliema
Li minnhom ma tistax tiġik indiema.

Imbagħ'd xi kikkra tè; għax dik it-traba
Li tinżel ma' kull nifs ġewwa griżmejk,
U l-għomma li xi drabi tagħmlek xraba
Iġġiblek l-għatx u n-nixfa fuq xofftejk,
U t-tè, ma nafx għaliex, insibu frisk,
Għalkemm ftit sħun, daqs l-itjeb birra "Ċisk".

Kif jibda jroxx id-dlam, (għalkemm libiena
Tkun għadha fil-punent twarrad xi dija,)
U tlebleb 'l hawn u 'l hinn kewkba ħosbiena,
U b'ħarsa kwieta tidħak iż-Żahrija,
Jien naqbad qajla qajl it-trieq maħbuta
li sserrep lejn ir-Ramla wil-Balluta.

Hawnhekk tħalissa l-ħajja tiegħu xejra
Li hi ta' San Ġiljan. Kif tleħħ ħanina
Id-dija tal-fanali, minn kull dwejra
Toħroġ in-nies u tibda mal-bankina
Ġilwa ta' nisa, tfal, xbejbiet fuq tagħhom
U żgħażagħ ferriħin jitħaddtu magħhom.

Oħrajn li daħlu ftit fiż-żmien u jħossu
Li qalbhom ma għadhiex li kienet darba,
Flok ma jmorru jintrassu jew irossu
Qalb il-kotra, jfittxulek rokna mwarrba,
U fuq putruni rotob ħdejn il-bieb
Jinġabru jpespsu ma' xi erba' ħbieb.

Il-Club "Aquatic", bejn iż-żewġ Ramliet,
Bid-daqq tar-Radjo u bil-mijiet ta' dwal,
Iżid il-ħajr liż-żgħażagħ u 'x-xbejbiet
U jiġbor, qishom friefet, qatgħa tfal:
Kulħadd fuq ruħu; ħars u kliem ferħan,
L-hena tal-ħajja jaħkem bħal sultan.

Fil-waqt, ix-xarabanks, ħodor minn barra
U bojod karti, b'ħafna dwal, minn ġewwa,
Bla frosta, u bla saqqef u bla ħarra,
Imek'ku qalb in-nies, mhux bħal egħdewwa,
Iżda bħal ħbieb, u malii tarfa' driegħek
Maġenb xi *stage*, issibhom lesti miegħek.

Jiena nimxi w-inħares u mal-ħarsa
Nifhem il-festa ta' ferħ u ta' mħabba,
U nifraħ għaliex, ngħid is-sew, il-qarsa
Tal-għira li fix-xjuħ aktarx titrabba',
Ġe' ħsiebi ma tasalx, għalkemm fuq ġbini
Naqxu tikmix sabiħ l-għodda ta' snini.

Xi drabi ma tonqosx xi ħliqa rżina
Ma' nies minn tagħna li jsejħuli magħhom;
Min jgħid praspura daqs il-għasel bnina,
Min jgħid minn dawk li ħadd qatt ma semagħhom;
Tingħad ukoll xi waħda kollha ħlewwa
Mimlija tat-tiġrib bil-għerf u s-sewwa.

Jgħidu li meta ż-żmien tridu jistenna
Jaħrab iżjed malajr, u minnu. S-siegħa
Li biha dak il-ħin xi ftit nithenna
Bla kliem, bla ħoss, taqagħli fil-belliegħa
Ta' l-imgħoddi, u l-arloġġ idoqq l-aħbar
Li jaqbilli ninġabar lejn id-dar.

U lejn id-dar ninġabar, għax minn kmieni
Jiena tgħallimt li l-ORDNI jżommok f'waqtek;
U lil min naf li qiegħed jistennieni
Qatt ma rrid ngħidlu: "Aħfirli, jekk baqbaqtek;"
Irrid, kif nasal, nara xi tbissima
Li tfisser ħajr mal-kelma tat-tislima.

Kif nersaq lejn id-dar, aktarx nilmaħha
Imdawra b'xi ġirien milli semmejna;
Xi mara b'żewġt itfal u r-raġel magħha,
Xi xbejba ta' għoxrin b'kull ħajr imżejna;
Xi student għadu ġej mill-kulleġġ tiegħu
Li jaħtafni malajr nitkellem miegħu,

U min xi ġrajja, min iħarref ċajta,
Min xi tifkira sbejħa taż-żgħużija,
Waħda turi xi xogħ'l ta' labra u ħajta
Li ħadmet fis-sigħat tax-xemx qawwija;
It-tifel, bħal tfal oħra ta' daż-żmien,
Isemmi t-talkie, t-tennis u x'naf jien.

U hekk iż-żmien li ma tgħallemx isellem,
U, għalkemm xiħ, għadu ħafif bħal berqa,
Igħaddi siksnijiet bla ma jitkellem
Sew kif jagħmel ħalliel fil-waqt tas-serqa,
Sakemm Gannina tqum minn ġol-putruna,
Tâmar is-skiet, u taqbad il-Kuruna.

Kemm hi sabiħa t-talba lill-Madonna
Taħt sema safi bi tleblib ta' kwiekeb!
Talba maħduma b'ward minn l-isbaħ ġonna!
Kemm jogħla ħsiebna fuq il-ġwienaħ riekeb
Ta' l-Imħabba ta' DIK li Alla żejjen
B'kull ħajr biex l-Għadu ta' tajfitna jxejjen!

Wara l-ikel tar-ruħ li jnissel f'qalbna
L-hena tas-sliem, donnha titħarrek fina
Waħma ta' ikel ieħor. Mingħajr talbna
Dawk li jifhmuna jiġru lejn il-kċina
U f'kemm tgħid tlieta, erba' kredijiet
Tasal l-aħbar li l-mikla ġa thejjiet.

U jien, kif jitlob l-istaġun u żmieni
Nistaħja b'dak il-ftit li Ħsieb u Mħabba
Jafu jdaqqsu mal-ħtieġa ; u billi kmieni
Jien tgħallimt illi qatt m'għandu jitgħabba
L-istonku bl-ikel, saret drawwa fija
Li qatt ma nqum mill-mejda b'dik il-ħtija.

Billi s-sħana tas-sajf tikber mal-fatra,
Narġa' nfittex malajr il-frisk tal-beraħ ;
Għax, għalkemm ħelwa ta' kamarti s-satra,
U tistedinni biex immur ninteraħ,
Inħobb nissokta nqatta' kwarta żmien
Nitħaddet xi praspura mal-ġirien.

Sakemm l-Iben tal-Lejl, in-Ngħas, bl-irtuba
Tas-swaba' bellusin imissli ġbini,
U ħsebijieti nħosshom bħal maħruba,
U mill-qiegħ ta' l-imgħoddi x-xebh jiġini
Ta' ġrajja mżewqa maħdumin fl-għanqbuta
Ta' ħolma tal-ħarir ma' xejn marbuta.

Imbagħ'd billi xi wħud jiġrilhom bħali,
U tibda wkoll xi ras titbandal sewwa,
Nixtiequ l-lejl sabiħ, nieqes mill-għali
U kulħadd jaqbad ħwejġu u jidħol ġewwa ;
Jiena nrodd is-salib u ħbub għajnejja
Narfa' lejn Alla u biex nistrieħ nitħejja.

U hekk intemm il-jiem tal-btala tiegħi
Ta' kull sena, li Ħaqq u Tjieba jtuni,
Bis-sliema ma' kull min jitkellem miegħi,
Dħuli u meqjus kif titlob ir-raġuni ;
U jien ma nixtieq xejn aħjar minn dan
Kemm indum fil-qaliet ta' San Ġiljan.

Dun Karm